# Mill-arkivji



**1925** Triq il-Punent il-Vara tal-Madonna tal-Karmnu għaddejja minn fejn il-Kunvent. Jidher l-armar tas-sett Puttini li kien jintuża għal dik it-Triq.



**1929** It-Tintinablu tal-injam l-ewwel wieħed f'Malta għaddej minn Triq il-Punent.



**1950** Quddiesa Kantata Provinċjal kien P. Bernard Farrugia. Assistent Presbiter il-Pirjol P. Lawrenz Sammut, iċ-Ċerimonier P. Vinċenz Pavia, l-istudenti tas-servizz li kien ikun privileġġ jekk tkun mill-Belt jintagħżlu huma fil-fatt dawk bil-qiegħda ma' l-art huma kollha mill-Belt mil-lemin tar-ritratt P. Xmun Mamo, P. Rużar Caruana, P. Serafin Abela, P. Renato Valente u P. Nonju Fenech. Il-Ministri mal-Provinċjal huma fuq il-lemin tal-Provinċjal P. Romeo Grech u l-ieħor P. Anastas Caruana.

# Mill-arkivji



**1951** Waqt Pontifikal ta' xi Ċentinarju kienet użanza li partikularment għas-Santwarju tal-Karmnu tal-Belt li l-Provinċjal u l-Komunità tal-Belt flimkien ma' l-istudenti Karmelitani jmorru għall-Arċisqof iġibuh mill-Palazz sew għat-Translazzjoni kif wkoll għall-Pontifikal. Jimxi l-ewwel is-Salib tal-Kleru, iċ-Ċerimonier tal-Arċisqof. L-Arċisqof bil-Kappa Magna, il-Provinċjal, il-Pirjol, Patrijiet Anzjani u wara l-istudenti Karmelitani. Dakinhar l-Mons Arċisqof żanżan l-Kappa Magna.



Pontifikal tal-1951 immexxi minn Mons. Sir Michael Gonzi.
Tajjeb tinnutaw li hemm 5 Monsinjuri, it-tnejn tat-Tron, tnejn ta' l-artar u wieħed assistant prebiter.
Tajjeb taraw l-istudenti Karmelitani ma l-Arċisqof bir-rit Karmelitan kienu jilbsu l-pluvjali dawk tal-Mitra, buġija u ktieb kienu waqt li meta ċ-ċelebrant joqgħod bil-qiegħda kienu joqgħodu fuq it-taraġ tat-Tron. Min kien iżomm il-Baklu, l-isudent kien ikun wkoll bil-pluvjal.

# Mill-arkivji




**1907-2007** Din il-Kartolina tal-Milied għandha 100 sena. Din kinet tintbagħat mill-Kunvent tal-Karmelitani.



Dan ir-ritratt hu tal-Marċ ta' filgħodu tal-Karmnu tal-Belt qabel 1881 għax jidher fit-tarf l-Anġlu ta' Sant' Elija bix-xabla f'idu. Fil-bidu ta' Triq it-Teatru jidhru l-anġli ż-żgħar qabel ma saru dawk ta' Darmanin. Dawn l-anġli wara kienu jintremgħu fit-Triq tal-Kunvent, u wara nbiegħu lil xi raħal, imma fadal tnejn li jintremgħu fis-Santwarju illum fejn Kristu mejjet fil-Ġimgħa l-Kbira. Il-Marċ kien jibda minn Bieb il-Belt jinżel Triq ir-Repubblika, Triq l-Arċisqof, Triq l-Ifran u Triq it-Teatru. Ħaġa tipika kienet li qabel il-Marċ kienu jinżlu xi karozzelli bil-Maestro fi Capella tal-Familja Nani u d-Direttur u Kompożitur taċ-Ċirku Orkestrali Sant Elija

# Mill-arkivji









**Din is-Sena 2007**

Wieħed mill-fonti ta' l-Ilma Mbierek jagħlaq 100 sena. Dan il-fonti għax l-ieħor sar sena wara, huma disinn ta' Pio Cellini. Sar minn irħam "Bainco Carrara" sar għal tal-Karmnu tal-Belt u ma hawnx kopja. Ġew imħallsa minn
Alfred Abdilla. Dan l-aħħar żmien irranġalhom pedestal ic-Chev J. D' Amato u r-restawr tal-irħam sar mill-Marmista Ronnie Pisani. Is-sbuħija tagħhom hija xi ħaġa unika għax fuq l-istil ta' Ċellini
ma hemmx goff u kull disinn ipaxxi l-għajnejn.

# Mill-arkivji

**Santa B'Tifsira Kbira**

Nistgħu naraw din is-Santa li fiha d-devozzjonijiet kollha ta' Marija Santissima. Tajjeb naraw id-devozzjonijiet kollha Marjani b'dan il-messaġġ ta' din is-Santa. Id-devozzjonijiet kollha b'xi mod jew ieħor ġew mingħand Marija stess. Tant li għadhom fil-Knisja u mberkin mill-Knisja. Kollha għandhom skop wieħed li permezz ta' Marija naslu għand Ġesù li tasal għand Ġesù jiġifieri lħaqt l-iskop tal-eżistenza tiegħek. Għax kif esperjenza tant tajba d-duttur tal-Knisja Santu Wistin "li qalbna ma ssib qatt kwiet jekk ma tistrieħx FIK (Mulej)".
Għalhekk f'din is-Santa naraw l-Imħabba fil-Qalb bla Tebgħa ta' Marija il-Fidi fil-fjamma, is-safa fil-ward aħmar, il-kuruna tar-Rużarju fil-ħsieb u l-pjan tagħha fil-pjan tas-salvazzjoni, fil-Labtu tal-Karmnu li jurina l-istedina tagħha biex nilbsu lilha kuljum u b'hekk tidher dija, dik id-dija li għandna nkunu aħna kuljum għal-oħrajn. Dan kollha marbuta flimkien magħha bħaċ-ċintura.

Għalhekk meta nsemmu d-devozzjoni m'għandna neskludu lill-ebda waħda.






PAVLLVS.ANTONIVS.VELLA
ARTIVM.MAGISTER.DOCTOR.THEOLOGVS
REM.DIVINAM.PRIMVM.PEREGIT
IN.ÆDE.PAVLLI.APOSTOLI
MELITAM.VI.TEMPESTATIS.APPVLSI
IV.KAL.OCT.MDCCCXCII.
FESTO.DIE.MICHAËLIS.ARCHANGELI
AGMINVM.CÆLESTIVM.PRINCIPIS

MICHAËL
CVIVS.PRÆSIDIO.GAUDET
ECCLESIA.DEI
MIHI.PRÆSENS.ADESTO
VT.SACERDOTIVM
QVOD.NVPER.INIVI
ANGELICIS.EXORNEM.VIRTVTIBVS

Aloisius Farrugia, *Sacerdos.*






*Ricordio*

RICORDO
DEL TRIDUO CELEBRATO
NEI GIORNI
XIV, XV, XVI DI GENNAJO 1895
IN ONORE DELLA
B. Vergine del Carmine
NEL SUO SANTUARIO
IN VALLETTA.

**Santa li għandha 112 sena**

Fis-sena 1895 kienet is-sena li s-Santwarju Inkurunat ġie mgħolli għad-dinjità ta' Bażilika Minuri vera bħal ta' Ruma b'kollox. Biex il-festi jħallu frott anke ma jkunx hemm intoppi (tfixkil) b'mod speċjali meta jaslu l-insinji li ġo Malta u Għawdex kienu għadhom qatt ma dehru. Il-patrijiet għamlu Tridu lil Ommhom il-Madonna tal-Karmnu fix-xhur ta' Jannar, Frar, Marzu u April. Din is-Santa tfakkar tlett ijiem tat-Tridu ta' Jannar.

# Mill-arkivji



**Din is-Sena 2007**

Fil-kor fejn il-Kwadru Mirakoluż għalhekk inkurunat hemm żewġ anġli tal-Irħam, li din is-sena jagħlqu 70 sena. Dan ix-xogħol Taljan kien inxtara mingħand ditta Bonavia tal-Irħam ta' Fleur-de-Lys għas-somma ta' Lm60 kull wieħed. Fuq dawn iz-żewġ anġli hemm storja ħelwa li kien jirrakonta Fa Rafel riduhom għarkùptejhom bi brazz kbir u jżommu żewġ skudetti wieħed bil-bandiera Maltija u l-ieħor b'dik Ingliża. Meta raw dawn l-attwali lesti għoġbuhom ferm u xtraw dawn, iżda d-disinjatur u l-komunità gergru sew. Fra Rafel jgħid li hu qal dawn għandhom pedestal idjaq allura aħjar milli suppost saru għax tkellem hekk wara wieħed mill-anzjani tal-komunita qala ġimgħa mingħajr inbid. Meta Fra Rafel ra id-disinn tal-kor il-ġdid ta' P. Franco Falzon O. Carm qal "sewwa dejjem jgħidu li, l-Madonna tmexxi dan is-Santwarju għax kieku saru l-oħrajn ma kienux joqgħodu bejn il-kolonni".

***P. Martin D. Schembri O.Carm***


